# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

**Seduta Nru. XXXV**
**Illum il-Gimgha, 6 ta' April, 2001**

**Appell numru: 242/00 NA (G)**

**Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech)**

**vs**

**Paul Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant talli fil-21 ta' Novembru 1999 ghall-habta tas-1.00 a.m. waqt li kien fl-inhawi tal-Ghadira ta' San Rafflu, limiti ta' Kercem, Ghawdex -

1. ikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasafar bejn saghtejn wara nzul ix-xemx u saghtejn qabel tlugh ix-xemx;

2. ikkaccja, ha jew ipprova jiehu jew jikkaccja bl-uzu ta' dawl artificjali;

3. bejn saghtejn wara nzul ix-xemx u saghtejn qabel tlugh ix-xemx garr arma tan-nar (senter ta' ghamla Beretta Numru P51709E) ikkargat u barra mill-ghata tieghu;

4. ipprova jiehu, jikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal ghasafar b'mezz elettriku jew elettroniku, specjalment uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrati (pre-recorded bird calls);

5. zamm fil-pussess tieghu zewg sekondi (birwin) liema speci ta' ghasafar mhumiex inkluzi fl-Iskeda I, II u II tar-Regolamenti dwar il-Harsien tal-Ghasafar u l-Fenek Selvagg;

6. zamm fil-pussess tieghu VHF radio tal-ghamla "Kenwood" minghajr licenzja mill-awtorita' kompetenti, liema licenzja hi mehtiega skond il-ligi jew regolamenti;

7. fl-istess data, lok u hin kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu VHF radio tal-ghamla "Kenwood", l-importazzjoni ta' liema oggett hija projbita jew ristretta, u dan

bi ksur ta' l-Artikolu 60 (a)(b)(c)(k) u l-Artikolu 62 (a)(b)(e)(f)(g)(B)(i)(k) u paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Otubru 2000 illi permezz taghha l-appellant instab hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu hlief ghas-sitt (fir-realta' is-seba') akkuza illi kienet giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fil-mori tal-kawza, u, wara li rat l-Artikoli 6, 15(1) u (2), 13(1)(b), 12(1) u 25 ta' l-Avviz Legali 146 tal-1993 u l-Artikoli 3 u 6 tal-Kap. 49 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-istess appellant ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) ai termini ta' l-Artikoli 23 u 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska w id-distruzzjoni ta' l-oggetti kollha esebiti u skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jottjeni licenzja ghall-kacca jew/u garr ta' armi ghal zmien sentejn.

Rat ir-rikors ta' l-appell ipprezentat mill-appellant fit-30 ta' Ottubru 2000 illi permezz tieghu l-istess appellant iddikjara li hass ruhu aggravat mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Ottubru 2000 u talab ir-riforma taghha fis-sens illi filwaqt illi l-appellant ghandu jinstab hati biss tar-raba' (fir-realta' il-hames) akkuza kif dedotta kontra tieghu, huwa kellu jigi liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha u ghalhekk il-piena ghandha tkun wahda inqas oneruza u ma jigix ordnat il-konfiska ta' l-arma u l-appellant ma tigix ordnata s-sospensjoni tal-licenzja ta' l-appellant ghal zmien sentejn.

Ikkonsidrat l-aggravji ta' l-appellant kif dedotti fir-rikors ta' l-appell tieghu, konsistenti, principalment, fis-segwenti-

(i) illi l-fatti kif jirrizultaw ma jikkostitwux prova illi l-appellant fil-gurnata tal-21 ta' Novembru 1999 kien qed jikkaccja ghall-habta tas-1.00 a.m.

(ii) illi fil-fatt l-appellant kien rieqed f'kamra msakkra u ghalhekk ma seta' qatt jinstab hati ta' l-ewwel tliet (ossija erba') akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

(iii) illi ladarba l-Prosekuzzjoni kienet irtirat is-sitt (ossija s-seba') akkuza kellha tigi rtirata wkoll il-hames (ossija s-sitt) akkuza;

Semghet il-provi kollha prodotti u rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

Semghet it-trattazzjonijiet taz-zewg partijiet;

Ikkunsidrat:-

Illi qabel xejn din il-Qorti sejra tghaddi biex tistrada ahjar l-akkuzi u l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat sabiex l-affarijiet jigu pjuttost simplifikati.

Rigwardanti l-hames akkuza, u cioe' talli zamm fil-pussess tieghu zewg sekondi (birwin) liema speci ta' ghasafar mhumiex inkluzi fl-Iskeda I, II u III tar-Regolamenti dwar il-Harsien tal-Ghasafar u l-Fenek Selvagg, l-appellant qieghed effettivament jirregistra ammissjoni u ghalhekk din il-Qorti m'ghandha ebda htiega illi tikkonsidra dan il-kap ulterjorment.

Rigwardanti s-seba' akkuza, u cioe' talli l-appellant kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu VHF radio tal-ghamla "Kenwood", l-importazzjoni ta' liema oggett hija projbita jew ristretta, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 60 (a)(b)(c)(k) u l-Artikolu 62 (a)(b)(e)(f)(g)(B)(i)(k) u paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta), din effettivament kienet giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fil-mori tal-kawza, u fir-rigward tas-sitt akkuza, u cioe' talli l-appellant zamm fil-pussess tieghu VHF radio tal-ghamla "Kenwood" minghajr licenzja mill-awtorita' kompetenti, liema licenzja hi mehtiega skond il-ligi jew regolamenti, il-Prosekuzzjoni ma gabet ebda prova illi effettivament l-appellant ma kellux licenzja valida biex izomm dan il-VHF recorder u ghaldaqstant ma jistax jinstab hati ta' din l-akkuza;

Ghaldaqstant jifdal biss x'jigu konsiderati l-ewwel erba' akkuzi illi taghhom l-appellant kien instab hati mill-Ewwel Qorti.

Il-fatti saljenti ta' dan il-kaz huma s-segwenti-

Fil-21 ta' Novembru 1999, membri tal-Forzi Armati ta' Malta taht it-tmexxija tal-Kaptan Claudio Terribile accedew fuq kamra illi kien hemm fl-ghelieqi fl-inhawi tal-Ghadira ta' San Rafflu fil-limiti ta' Kercem, Ghawdex meta gew attitati minn dawl kbir illi kien hemm barra din il-kamra jaghti d-dawl ghal fuqha. Meta waslu fuq il-post sabu illi l-kamra kienet imsakkra u kien hemm persuna, l-appellant, mimdud fuq sodda taht il-friex. Kien hemm apparat ghaddej bl-ghana ossija tisfir tal-ghasafar (*pre-recorded bird calls*). Fid-dura kien hemm ukoll senter li kien barra mill-ghata tieghu w ikkargat b'erbat iskratac kif ukoll 28 skartocc iehor. Kien hemm ukoll xi xbiek ma' l-art barra d-dura. Dawn l-oggetti kollha gew elevati mill-Pulizija illi ssejhu fuq il-post.

Dawn il-fatti mhumiex kontradetti mill-appellant li pero' jsostni illi huwa u t-tfajjel illi kien hemm mieghu kienu baqghu jonsbu sa saghtejn wara li jidlam u imbaghad ghajnejhom marret bihom u b'hekk kienu hallew id-dawl mixghul u l-*cassette* bl-ghana tal-ghasafar ghaddej. L-appellant imbaghad, izjed tard fid-

deposizzjoni tieghu, jghid illi hu w it-tfajjel li kien hemm mieghu baqghu jonsbu "sa siegha forsi wara li dalam" u mhux sa saghtejn kif kien qal iktar kmieni fid-deposizzjoni tieghu. Qal ukoll illi huwa kien imsakkar gewwa, is-senter kien ilu mieghu minn fil-ghodu u cahad li dak il-hin huwa kien qed jonsob jew jikkaccja. L-appellant jilmenta wkoll minn trattament rozz da pari tal-membri tal-AFM u mill-atti jirrizulta illi l-istess appellant kien ipprezenta protest gudizzjarju f'dan ir-rigward. Din il-Qorti ma thossx illi huwa kompitu taghha illi tidhol f'din il-materja u thalli dawn l-allegazzjonijiet ghall-konsiderazzjoni tal-qorti kompetenti f'kaz illi l-appellant jiddeciedi li jiehu proceduri ulterjuri in segwitu ghall-protest gudizzjarju minnu pprezentat.

Illi l-Artikolu 6 ta' l-Avviz Legali 146 tal-1993 jipprovdi illi "*sakemm ma tingiebx prova kuntrarja, kull min bejn saghtejn qabel tlugh ix-xemx u saghtejn wara nzul ix-xemx ... jinstab barra fil-kampanja, sew fuq art tieghu jew ta' haddiehor, jew ukoll mhux fuq dik l-art ... jitqies illi f'dak il-waqt kien qed idur ghall-kacca*". Ghaldaqstant l-oneru tal-prova huwa spostjat fuq l-imputat fis-sens illi sakemm il-Prosekuzzjoni tipprova illi bejn saghtejn qabel tlugh ix-xemx u saghtejn wara nzul ix-xemx l-imputat ikun barra fil-kampanja, anke jekk fuq art tieghu, kif inhu l-kaz odjern, allura huwa l-appellant illi jrid jipprova illi ma kienx qed idur ghall-kacca u mhux vice versa ghaliex il-presunzjoni tal-ligi timmilita' kontra tieghu.

Illi l-Artikolu 15(1) ta' l-istess Avviz Legali 146 tal-1993 jipprovdi illi "*ebda persuna ma ghandha, bejn saghtejn wara nzul u saghtejn qabel tlugh ix-xemx tal-gurnata ta' wara, tikkaccja jew tiehu jew tipprova tiehu xi ghasfur ... b'kull mezz li jkun, jew li ggorr arma tan-nar ikkargata, jew barra mill-ghata taghha*". Issa fil-kaz odjern irrizulta minghajr ebda dubju illi l-appellant kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, u cioe' senter, illi kien barra mill-ghata u kien ikkargat b'erbat iskratac.

Illi l-Artikolu 15(2) ta' l-istess Avviz Legali 146 tal-1993 jipprovdi illi "*ebda persuna ma ghandha tikkaccja jew tiehu jew tipprova tiehu xi ... ghasafar bl-uzu ta' dawl artificjali*". Fil-kaz odjern, gie ppruvat lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi kien hemm dawl artificjali illi kien qed jillumina d-dura fejn l-appellant kellu x-xbiek, u dan ma giex kontradett lanqas mill-appellant innifsu.

Illi l-Artikolu 13(1) (b) ta' l-Avviz Legali 146 tal-1993 jipprovdi illi "*ebda persuna ma ghandha tiehu jew tipprova tiehu, tikkaccja jew tipprova tikkaccja, xi ghasfur permezz ta' ... xi mezz elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrati ("pre recorded bird calls").*" Issa fil-kaz odjern gie ppruvat, u dan lanqas ma gie kontradett mill-appellant, illi meta l-membri tal-Forzi Armati ta' Malta accedew fuq il-post fejn kien jinsab l-istess appellant semghu dan l-apparat illi kien ghadu ghaddej, izda l-appellant sostna illi dan kien nesieh u meta raqad baqa' ghaddej.

Illi din il-Qorti tosserva illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat. Fil-kaz odjern, irrizultaw diversi fatturi, cirkostanzi w indizji illi l-Qorti thoss illi huma sufficjenti biex jigu ppruvati l-ewwel erba' akkuzi kif dedotti kontra l-appellant. Mill-banda l-ohra, it-tezi ta' l-appellant illi huwa kien rieqed mhijiex wahda verosimili ghaliex ic-cirkostanzi l-ohra kollha - is-senter ikkargat u barra mill-ghata, id-dawl artificjali ghaddej jillumina d-dura fejn kien hemm ix-xbiek ta' l-insib mifruxin u l-*bird caller* ghaddej - fl-assjem taghhom ilkoll jippuntaw fid-direzzjoni opposta ghal dik indikata mill-appellant.

L-Artikolu 25 ta' l-Avviz Legali 146 tal-1993 jipprovdi illi min jinstab hati ta' xi reat kontra r-regolamenti tal-kacca ghandu jehel multa ta' mhux anqas minn hamsin lira Maltija (Lm50) u mhux aktar minn hames mitt ilra Maltija (Lm500) fil-kaz ta' l-ewwel reat. F'dan il-kaz ma ngabet ebda prova illi dan ma kienx l-ewwel reat imwettaq mill-appellant kontra r-regolamenti tal-kacca u ghalhekk l-Ewwel Qorti dehrilha illi kellha tinfliggi l-massimu tal-piena prevista mil-ligi. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti in vista wkoll tal-gravita' tal-hames akkuzi illi taghhom l-appellant qieghed jigi misjub hati minn din il-Qorti. Peress pero' illi din il-Qorti sabet l-akkuzat mhux hati tal-hames (fir-realta' is-sitt) akkuza jidhrilha illi tista' tnaqqas din il-multa b'mitt lira Maltin (Lm100) ghal erba' mitt lira Maltin (Lm400) minghajr ma tkun serjament qed tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

L-Artikolu 25(3) ta' l-Avviz Legali 146 tal-1993 jipprovdi illi "*d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 23 u 30(1) tal-Kodici Kriminali ghandhom "mutatis mutandis" japplikaw fil-procedimenti rigward reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jikseb licenzja, permess jew awtorita' ma ghandhom fl-ebda kaz ikunu inqas minn sena*". Ghaldaqstant l-ordni moghtija mill-Ewwel Qorti tal-konfiska w id-distruzzjoni ta' l-oggetti maqbuda u ta' l-iskwalifika tal-licenzja kienet fil-parametri ta' dak stabbilit mil-ligi u din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex dik l-ordni ghandha tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tirriforma s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-25 ta' Ottubru 2000 illi permezz taghha l-appellant instab hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu hlief ghas-sitt (fir-realta' is-seba) akkuza illi kienet giet irtirata mill-Prosekuzzjoni fil-mori tal-kawza, billi ma ssibux hati lanqas tal-hames (fir-realta' is-sitt) akkuza kif dedotta kontra tieghu u tirriforma wkoll il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellant u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) u ai termini ta' l-Artikoli 23 u 30 tal-

Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska w id-distruzzjoni ta' l-oggetti kollha esebiti u tiskwalifika lill-appellant milli jkollu jew jottjeni licenzja ghall-kacca jew/u garr ta' armi ghal zmien sentejn.

(ft) Maureen Xuereb
Deputat Registratur